MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 53/2002/1

**Avviz Numru 53/02 AJD**
**Mifsud Bros Limited**

**vs**

**Cutrico Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm1,148.17) rapprezentanti prezz ta' servizzji turistici prestati lis-socjeta' konvenuta liema prezz baqa' ma thallasx.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:

Illi s-socjeta' konvenuta filwaqt li tirrikonoxxi li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa dovut, tissottometti li skond ftehim verbali bejn il-kontendenti, il-hlas ghas-servizzji provduti mis-socjeta' attrici kellu jsir 'in kind' u cioe' f'merkanzija li tipprovdi s-socjeta' konvenuta stess. Ghal din ir-raguni s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ammont pretiz fi flus kif qed jigi prezentement rikjest mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Nicolette Desira, Maria Mifsud, Ivan Mifsud, Gino Cutajar. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta kienu lahqu ftehim ( a fol. 48 et seq.) fejn qablu li s-socjeta' kovenuta kellha tissupplixxi 'airconditioners' fil-valur ta' Lm1,712.50 lis-socjeta' attrci u li tlieta u tletin fil-mija tal-prezz kellu jithallas permezz ta' 'bartering' fis-sens illi tlieta u tletin fil-mija tal-prezz ta' dawn l-'aironditioners' kellu jigi pacut permezz ta' servizzji offruti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Mix-xhieda ta' Gino Cutajar, u cioe' il-'managing director' tas-socjeta' konvenuta jirrizulta li sussegwentement dan il-ftehim gie varjat fis-sens illi l-'bartering' kellu japplika ghall-prezz kollu tal-'airconditioners'. Fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Settembru 2002 Gino Cutajar jghid li s-socjeta' attrici ma kienetx qed teffetwa l-pagamenti skond kif miftiehem fl-iskrittura hawn fuq imsemmija u li " s-socjeta' attrici kienet staqsietna jekk konniex disposti li naghmlu bartering fuq l-ammont kollu. Ahna konna accettajna. Sabiex thajjarna nacettaw, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici qalilna li huwa xtaq jordna xi xoghol iehor minghandna. Ahna ghalhekk komplejna nixtru l-biljetti tal-ajru minghand is-socjeta' attrici".

Illi mill-provi rrizulta li s-socjeta' attrici effettivament qatt ma xtrat jew ordnat 'airconditioners' ohra minghand is-

socjeta' konenuta, liema socjeta' konvenuta fil-frattemp kompliet tixtri l-biljetti tal-ajru minghand is-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex qed tallega li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut jew li s-servizzji li ghalihom is-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas ma gewx rezi, izda tirkkontendi li l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens li l-pagament ghal dawn is-servizzji kellu jsir permezz ta' 'bartering' u cioe' 'in kind'.

Illi mix-xhieda ta' Gino Cutajar stess riportata aktar il-fuq jirrizulta li l-partijiet qablu li l-'bartering' kellu inizjalment japplika in kwantu jirrigwarda 33/% tal-prezz tal-'airconditioners' izda sussegwentement is-socjeta' konvenuta kienet accettat li l-imsemmi 'batering' kellu japplika in kwantu jirrigwarda l-prezz kollu. Dan jindika li l-'bartering' kien japplika biss sakemm jithallas il--prezz tal-'airconditioners' u cioe' sakemm jithallas l-ammont ta' Lm1,712.50. Mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet qablu li l-'bartering' kellu jkompli japplika wara  li jithallas dan l-amont ta' Lm1,712.50.

Illi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta huma ghalhekk insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm1,148.17).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------